# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis sebgha u ghoxrin (27) ta' April 2017**

**Rikors Numru 289/16 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 1091/15 mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 fl-ismijiet**

**Isabella Bellia**
**(ID 299978M)**

**vs**

**Graziella Gatt (ID 272278M) u Lawrence Gatt (ID 142269M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' **Lawrence Gatt** ippresentat fit 28 ta' Novembru 2016 fejn eccepixxa u talab is-segwenti:-

> Illi dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Illi sallum l-esponenti ghadu ma giex notifikat bil-mandat ta' sekwestru numru 1335/16, kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A, jew b'xi att gudizzjarju iehor in ezekuzzjoni tal-ittra ufficjali li ggib in-numru 1091/15.
>
> Illi l-esponenti jikkontendi illi l-ittra ufficjali ezekuttiva li ggib in-numru 1091/15 ipprezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija nulla u bla effett stante li r-rekwiziti tal-artikolu 166A (2) ma gewx rispettati senjatament id-dikjarazzioni tal-fatti b'sosten tat-talba fl-att imsemmi hija totalment assenti

Illi fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti kellha tiddikjara l-ittra de quo bhala nulla, konsegwentement il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1335/16 jkun null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi:

1. L-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 1091/15 fl-ismijiet Isabella Bellia I.D. 299978 (M) vs Graziella Gatt I.D. 272278 (M) u Lawrence Gatt I.D. 142269 (M) hija nulla u bla effett fil-ligi u konsegwentement it-titolu ezekuttiv vantat minn Isabella Bellia huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-mandat ta' sekwestru numru 1335/16 fl-ismijiet Isabella Bellia I.D. 299978 (M) vs Graziella Saribas (abbazi taz-zwieg taghha ma' Eftal Saribas fil-21 ta' Gunju 2016) ID 27227S (M) u Lawrence Gatt I.D. 142269 (M) huwa null u bla effett fil-ligi u ghaldaqstant tirrevokah.

Bl-ispejjez kontra l-intimata Isabella Bellia.

Rat il-Mandat ta' Sekwestru Nru 1335/16 fl-ismijiet '**Isabella Bellia vs Graziella Saribas (abbazi taz-zwieg taghha ma' Eftal Saribas fil-21 ta' Gunju 2016) ID 27227S (M) u Lawrence Gatt I.D. 142269 (M)** ippresentat mir-rikorrenti. (fol 2)

Rat l-Ittra Ufficjali 1091/15 ippresentata fil 15 ta' Lulju 2015 u notifikata lil Lawrence Gatt fit 18 ta' Lulju 2015 u lill Graziella Gatt fl-20 ta' Lulju 2015. (fol 6-7).

Rat ir-risposta ta' **Isabella Bellia** ippresentata fit-12 ta' Dicembru 2016 fejn sahqet is-segwenti:

1. Illi l-esponenti pprezentat Ittra Ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 kontra Graziella Gatt (ilium Saribas) u Lawrence Gatt, liema ittra giet debitament notifikata skont il-ligi.

2. Illi Graziella Gatt (ilium Saribas) u Lawrence Gatt ma opponewx ghat-talba kontenuta fl-istess ittra, liema ittra ghalhekk tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 166A (4)

3. Illi l-istess ittra giet ukoll debitament reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 166B tal-Kap 12, u gie pprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1335/16, liema mandat gie milqugh minn din 1-Onorabbli Qorti kif diversament

4. Illi Lawrence Gatt intavola r-rikors odiern ai termini tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 fejn qieghed jopponi ghall-ezekuzzjoni ta' din 1-ittra ezekuttiva, u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5)(ii) u cioe' li 1-ittra ufficjali ma kienx fiha 1-htigijiet stipulati fis-sub artikolu (2) tal-Artikolu 166 A.

5. Illi Lawrence Gatt jallega li 1-ittra ufficjali ezekuttiva hija nieqas mid-dikjarazzjoni tal-fatti b'sosten tat-talba, kif rikjest fl-Artikolu 166A(2).

6. Illi ghalhekk qieghed jallega li l-ittra ufficjali ezekuttiva u l-mandat ta' sekwestru, huma nulli u bla effett fil-ligi.

7. Illi jirrizulta bic-car li r-rikors ta’ Lawrence Gatt huwa wiehed frivolu u vessatorju.

8. Illi mill-att tal-Ittra Ufficjali 1091/15, il-fatti u t-talba tal-esponenti Isabelle Bellia huma cari u manifesti. Illi fl-istess ittra, <u>Isabella Bellia ghamlet referenza “ghal diversi prodotti li gew suppliti minnha tramite l-isem tal-kummerc Hair, Nails and Beauty Supplies”</u>

9. Illi Isabella Bellia taghmel referenda ghall-invoices u rendikonti li nhargu rigward dawn il-prodotti li gew suppliti, liema invoices juru fid-dettall il-prodotti li gew suppliti, meta gew suppliti, u kemm huwa l-ammont dovut. Dawn l-invoices u rendikonti humaIkoll annessi mal-ittra ufficjali ezekuttiva

10. Illi Isabella Bellia tiddikjara wkoll, fl-istess ittra, li minkejja li sar pagament akkont ta’ €145.94, fadal bilanc ta’ €2,591.69 a favur taghha, rigward dan l-istess invoices.

11. Illi ghalhekk il-fatti u r-raguni tat-talba huma carissimi mill-atti tal-ittra ufficjali stess, u r-rikors ta' Lawrence Gatt huwa wiehed frivolu, fejn l-istess Gatt ma kienx oppona ghall-ezekuzzjoni tal-ittra ufficjali de quo entro t-terminu ta’ tletin jum koncessi lilu skont il-ligi, u issa qieghed jittanta jattakka din l-ittra ufficjali ghaliex ghandu mandat ezekuttiv fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk l-esponenti texepixxi bir-rispett:

1. Illi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt li l-ittra ufficjali 1091/15 ipprezentata taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), hija nieqsa minn xi rekwizit ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12.

2. Illi konsegwentement l-ittra ufficjali 1091/15 ipprezentata taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-mandat ta' sekwestru 1335/16 ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), huma validi skont il-ligi, u ghalhekk zgur u certament li m'ghandhomx jigu dikjarati nulli u bla effett, u/jew revokati.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikors de quo gie intavolat minn Lawrence Gatt biss, u ghalhekk kwalsiasi nullita jew direttiva li tista' taghti din l-Onorabbli Qorti, tista' tolqot biss l-ittra ufficjali u/jew il-mandat ta' sekwestru f dak li jirrigwardaw lill-istess Lawrence Gatt. u mhux lil Graziella Gatt (illum Saribas).

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat illi ghalkemm fid 9 ta’ Marzu 2017 il-Qorti giet mgharrfa illi l-partijiet kienu ser jittransigu l-pendenza ta’ bejniethon billi jigu zbankati xi flejjes illi kien hemm, fis 6 ta’ April 2017 il-Qorti giet

mgharrfa illi ghalkemm Lawrence Gatt kien ta' il-kunsens tieghu biex jigu zbankati l-flejjes, xorta kien opportun illi dina l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ippresentati mill-konsulenti legali taz-zewgt partijiet fid 19 u 20 ta' April 2017.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrent Lawrence Gatt intavola l-azzjoni odjerna abbazi tal-Artikolu 166A (5) (ii) illi tipprovdi li talba ghal rexissjoni ta' l-Ittra Ufficjali tista tigi "*ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu*" u dina tintlaqa jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi "*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)*"

Ir-rikorrent jispecifika fir-rikors promotur tieghu illi "*id-dikjarazzioni tal-fatti b'sosten tat-talba fl-att imsemmi hija totalment assenti*" u kien abbazi ta' dan illi huwa kien qieghed jaghmel tali talba.

Illi, madanakollu, harsa lejn l-Ittra Ufficjali meritu ta' dana ir-rikors w il-kontenut ta' tali Ittra twassal minnufih ghall-konkluzjoni illi l-pretensjoni imqajma mir-rikorrent hija wahda frivola u vessatorja, peress illi huwa car x'inhuma l-fatti in sostenn tat-talba taghha.

Dana qed jinghad ghax l-Ittra Ufficjali taghmilha cara illi Isabelle Bellia, operanti bhala Hairs, Nails and Beauty Supplies, kienet suppliet diversi prodotti tul periodu ta' sentejn lill Graziella Gatt, illi kienet qed topera l-hanut Glamour – The Health and Beauty Club, ghal liema prodotti kienet hallset biss €145.94 u kien fadal bilanc ta' €2,591.69 illi kien ghadu ma thallasx.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tifhem b'liema imaginazzjoni fertili r-rikorrent u l-konsulent legali tieghu waslu ghall-konkluzjoni illi "*id-dikjarazzioni tal-fatti b'sosten tat-talba fl-att imsemmi hija totalment assenti*", meta l-fatti gew carament identifikati fl-Ittra Ufficjali illi l-istess rikorrent gie notifika biha fit 18 ta' Lulju 2015 izda kkontesta biss fit 28 ta' Novembru 2016, presumibbilment wara illi gie ppresentat il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 1335/16.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dina l-azzjoni qatt ma messha giet intavolata u kienet intiza unikament sabiex ittawwal il-proceduri minghajr ebda bzonn, liema agir huwa punibbli a tenur ta' l-artikolu 10 ta' l-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-rikors promotur u l-eccezzjonijiet ippresentati minn Isabelle Bellia,

Wara illi rat l-atti tal-Ittra Ufficjali 1091/15 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1335/16,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talba attrici stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt

**Tikkundanna** lir-rikorrent ihallas spejjez addizzjonali ta' hames mitt Euro (€500) pagabbli lir-Registratur tal-Qorti a tenur ta' l-artikolu 10 ta' l-Iskeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-fatt illi tali proceduri kienu fiergha u vessatorji intizi biex itawlu l-proceduri bla bzonn.

Spejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll l-ispejjez addizzjonali fuq indikati ikunu kollha a kariku tar-rikorrent

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur